

# L-IMSIDA FIL-FESTA 1980

SER TIZZEWWEG JEW GHANDEK
XI OKKAZZJONI?

MELA ASAL WASLA SAL.

**MERLIN Car Hire**

Mountbatten Street, Blata 'l-Bajda

FEJN JOFFRULEK SERVIZZI
MILL-AHJAR

Tel: 23131 - 625838

HOTEL DELPHINA

**Dragonara Road, St. Julians**

Tel.35621/2, 513356

*WELL STOCKED BAR & RESTAURANT*

OPEN TO NON RESIDENTS

**Specialising in Italian Dishes**

# Messaggi mill-Kappillan

Misidjani gheziez,

Kemm jghaddu granet, gimghat u forsi, ukoll xhur, imhabbtin bir-responsabbiltajiet li ghandna: familja, xoghol, mard, problemi personali jew inkwiet iehor, u ma nafux fejn insibu farag jew ghajnuna!

Nistaqsu lilna stess: Issa li waslet il-Festa, jiena zgur nahseb fil-Patrun taghna, S. Guzepp; imma matul is-sena, kemm niftakar fih, kemm infittxu, kemm, nitolbu jurini minn fejn nghaddi, kif nitkellem, b'liema mod ingib ruhi?

O Guzeppi, missier putattiv — nahseb li nista' nsejjahlek hekk, ghax Gesu' ghamilna lkoll ahwa fiH, jekk verament nghixu ta' ahwa fi kristu; kif inti tieghu, inti wkoll missier putattiv taghna. Ghallimna kif nghixu ta' ahwa ghaqqadna familja wahda; kun inti li tmexxina lejn il-verita' mit-triq li twassalna ghall-Hajja, li hu l-istess Gesu', li ghalih inti ghixt hajtek kollha, maghqud ma' Marija Ommna.

Grazzi, O Guzeppi taghna; ukoll jekk ninsewk, tinsiniex; ukoll jekk inhalluk, thalliniex, ibqa' maghna, ibqa' maghna, biex ilkoll twassalna mieghek ghall-festa ta' dejjem fis-sema.

SAN GWAKKIN PRESS

PRINTERS

1, St. Helen Square, Birkirkara.

Telephone 40484

Hu hsieb il-kura ta' idejk bil......

# GLYMIEL

PROTECTIVE HAND CREAM BIS-SILICONE

Tipprotegi l-gilda u thalli l-idejn rotob u lixxi.

## GLYMIEL JELLY

ghall-idejn horox issahhah u trattab il-gilda.

IRRIKORRU: JOSEPH CASSAR LTD.

Triq Britannia il-Belt. Tel. 624510

# VISIT

## G. K. MOHNANI

30 - 31, Republic Street,
Valletta
Tel: 24137

**For the latest Wedding and High Occasion materials and ready made Wedding Gowns.**

**Specialized also in quilted Bedspread, Ladies handmade Shawls - Malta Lace - Malta Souvenirs and E.P.N.S. Ware**

# IX-XOGĦOL FUQ IL-KOPPLA

Ix-xogħol fuq il-Proġett tal-Koppla miexi ġmielu. Trid tkun taf x'jitlob dan ix-xogħol biex wieħed jimmaġina s-sagrifiċċji li saru matul is-sena li għaddiet. Inxtara armar ġdid biex ġie msaqqaf fuq il-gwarniċun biex tkun tista tinbeda l-Pittura. Inxtraw tlett travi kbar tal-ħadid u dawn ġew imtellgħa bil-crane 70 pied għoli fuq il-bejt tal-Knisja, mingħajr ħlas, mis-Sur Salvu Meli. Kienet verament biċċa xogħol diffiċċli u perikoluża. Wara beda l-armar ġewwa l-koppla. Dan sar mis-Sur Salvu Xuereb tal-Mellieħa megħjun mis-Sur Joseph D'Emanuele, Salvu Abela, John Sapiano u Lino Bartolo. Dan l-armar tlesta fil-bidu ta' Novembru, u wara erġajna għamilna armar ieħor fuqu biex inkunu nistgħu nitilgħu ġo l-anterna. Dan bil-għajnuna t'Alla sar ukoll u fil-bidu ta' Diċembru bdiet tiġi skulturata l-anterna. Wara ġiet unvjata u mkaħħla sewwa. Dan ix-xogħol sar mill-aħwa Agius tal-Qrendi. B'hekk l-anterna hija lesta mix-xogħol kollu tal-iskultura. Fis-saqaf tagħha saret raġġiera kbira u f'nofsha sa titqiegħed xbieha tal-Ispirtu Santu. Sa dan it-tant kienu qegħdin isiru diskussjonijiet dwar il-pittura. Ħadna diversi opinjonijiet anke ta' speċjalisti. Ħadna l-parir ukoll ta' persuna oħra li qiegħda taħdem fuq proġetti bħal dawn ġewwa l-Italja. Kulħadd qabel li, artistikament, l-abbozz imressaq mis-Sur Raymond Pitre għandu jkun magħżul biex jinħadem fuq il-koppla tal-Knisja tagħna. Wara diversi laqgħat mas-Sur Raymond Pitre li żar diversi drabi l-post flimkien ma restauratur magħruf, ġie deċiż li l-iskutella tal-Koppla għandha tiġi unvjata u mkaħħla mill-ġdid biex ikollna sodda tajba għall meta titwaħħal it-tila. Dan ix-xogħol tal-unvjar u t-tekħil nisperaw li jkun lest sa ftit jiem oħra. Sadanittant ittieħdu l-qisien neċessarji biex tinxtara t-tila, li trid tinġieb minn barra. Hija x-xewqa agħna li fil-festa nesponu l-abbozz għall-wiri.



**Mill-Kummissjoni Amministrattiva:**

Misidjani,

Jekk il-Knisja Parrokkjali taghna hija sabieha s-sena kollha, kemm tkun isbah mzejjna u armata ghall-festa - u kull sena ahjar minn ta' qabilha. B'dan il-programm li qed intukhom f'idejkom illum, nixtiequ nistednukom biex, fil-jiem tal-festa, tigu u tiehdu sehem fil-funzjonijiet specjali mhejjija apposta. Imdawrin mal-Kappillan u l-Kleru taghna, bit-talb flimkien, bil-kant tal-kommunita' akkumpanjat mid-daqq tal-orkestra u bis-smiegh tal-Kelma t'Alla fil-Liturgija tal-Kelma - b'mod specjali fit-Tridu u fil-Panigirku - naghtu qima u nuru l-imhabba taghna lejn il-Kbir Qaddis Patrun taghna, il-Patrijarka San Guzepp li, f'dawn il-jiem ta' festa, zgur li jitfa harsa specjali fuqna, uliedu, minn taht il-mant celesti mifrux madwaru f'nofs il-Knisja taghna.


# ENKA

Sponge Cloth, Floor Cloth,

Household Cloth, Sponges, Car

Shamois Leather

SOLE AGENT: EMMANUEL CASSAR

*'Emmglad' Valley Road - Msida - Tel: 43477*

Immedjatament wara l-festa jinbeda x-xogħol tal-Pittura. Kif qegħdin taraw ix-xogħol miexi sewwa, pero' m'għandniex ninsew l-għajnuna u l-ko-operazzjoni minn diversi Misidjani li qegħdin jikkontribwixxu 50ċ fix-xahar b'risq dan il-fond. Nixtiequ nsibu oħrajn li lesti li jgħinu. Il-ħolma tagħna dalwaqt isseħħ, u żgur li l-Misidjani jkunu kburin b'din l-opra li sa żżejjen il-knisja tagħna. Irridu nirringrazzjaw lill-Familja Gallo u lis-Sur Joseph Friggieri li, matul dis-sena, tawna offerta biex jagħmlu tieqa tal-Koppla kull wieħed f'isimhom. Grazzi lil kulħadd.




VIGNOL

FASHION FABRICS

15, Mons. Falzon Street,

MSIDA

A VARIED SELECTION OF
SUMMER MATERIALS

INCLUDING:

*Cottons* *Denims* *Criplene*

*Crepe* *Gabardine* *Terylene*

*Toweling* *Damask* *Furnishing* *Creton*

# scotch whisky in a class of its own

Learn the secret of centuries,
the taste of pure satisfaction.
The feeling you'll thirst for.
The whisky to ask for.

**TEACHER'S**
Highland Cream

An education in whisky



# PROGRAMM

**Il-Ħamis, 10 ta' Lulju:**

**INTENZJONI: Jum ta' talb għal min huwa fil-bżonn.**

9.00 p.m. Siegħa Adorazzjoni organiżżata mill-Azzjoni Kattolika biex jinkiseb ġid spiritwali kbir mill-festa ta' din is-sena.

**IL-Ġimgħa, 11 ta' Lulju:**

**INTENZJONI: Jum ta' talb għla min huwa fil-bżonn.**

6.30 p.m. Quddiesa Soċjali minn Mons. Victor Grech B.A., Lic.D, delegat tal-Arċisqof għal-Ħidma Soċjali u Karitativa, li jitkellem dwar "Il-Ħidma Soċjali tal-Knisja ma tul iż-żmenijiet". Illum, fil-quddies kollu, issir ĠABRA SPEĊJALI li tingħata lil CARITAS (Malta) għall-foqra.

**Is-Sibt, 12 ta' Lulju:**

**INTENZJONI: Jum ta' talb għall-benefatturi ħajjin.**

6.30 p.m. Inawgurazzjoni u tberik tal-Opri Ġodda mżanżna din is-sena u, wara, quddiesa soċjali mill-Kappillan.

**Il-Ħadd, 13 ta' Lulju: — JUM L-IMSIDA**

**INTENZJONI: Jum ta' talb għall-Għaqdiet tal-Apposolat**

Fil-Quddies kollu ssir omelija dwar it-tqaddis tal-Festa.

9.00 a.m. Quddiesa Soċjali bis-sehem sħiħ tal-membri tal-Għaqdiet. Iqaddes Dun Alwiġ Deguara, delegat tal-Arċisqof għall-Apostolat tal-Lajċi.

**Ghall-Cine u Ritratti u Kulur Black & White,**

**Ghall-Tigijiet, Engagements, Maghmudijiet,**

**Parties ecc., ecc.**

**Issibu Films, Cameras, Flash Guns, Albums ecc., ecc.**

**Zviluppar ta' Ritratti Kulur u Black & White.**

**GUIDO'S PHOTO SERVICE**

**17, MONS FALZON STREET**

**(By Msida Church)**

**MSIDA.**

**Telephone 512160**








● Automatic Grill

# SIEMENS

## Small Household Appliances

**Made in West Germany**

A SIEMENS selection of Small Household Appliances designed and engineered to suit your particular taste at a price calculated to keep you satisfied.

● **Bag Sealer**

Vacuum Cleaners, Electronic Clocks, Hand Dryers, Food Cutters, Decor Toasters, Grills, Plastic Bag Sealers, Hair Dryers, Steam Irons, Smoothing Irons, Food Mixers, Fan Heaters, Hair Stylers, Tea and Coffee Machines, Coffee Grinders, Yoghurt Makers, Micro Wave Ovens, Cooker Holds.

● **Rapid Hair Dryer**

**See them at APLAN LTD.**

**34, Msida Seafront, Msida**
**Tel. 36556 - 38434**
**Testaferrata Street, Msida**
**Tel. 36556**
**73, St. Paul Street, Cospicua**
**Tel. 824535**

**Gozo Agent:**
**F.X. BORG DEPT. STORES**
**De Soldanis Street, Victoria**
**Tel. 536541**

and dealers throughout
MALTA and GOZO

# PROGRAMM

6.00 p.m. Quddiesa Solenni mill-Kappillan u l-Kleru tal-Parroċċa li fiha jiġi amministrat is-Sagrament tal-Magħmudija. Ikanta l-Kor Parrokkjali.

7.00 p.m. Ħruġ Solenni tal-istatwa ta' S. Ġużepp minn-niċċa. Wara jkun hemm TOMBLA b'risq il-Festa.

**It-Tnejn, 14 ta' Lulju:**

**INTENZJONI: Jum ta' talb għall-Misidjani mejtin.**

6.30 p.m. Quddiesa Solenni bil-mużika għar-ruħ il-Misidjani mejtin kollha. Iqaddes il-Kappillan.

**It-Tlieta, 15 ta' Lulju:**

**INTENZJONI: Jum ta' talb għall-Vokazzjonijiet.**

6.30 p.m. Quddiesa konċelebrata li fiha ssir l-XV il-Vestizzjoni ta' l-Abbatini li jagħmlu servizz liturġiku fil-Parroċċa. Iqaddes il-Kappillan flimkien ma' Dun France Bonnici, Direttur Djoċesan tal-Vokazzjonijiet u Dun Ġużepp Mifsud, Direttur tal-Abbatini. Ikanta l-Kor tal-Abbatini tal-Parroċċa tal-Kunċizzjoni tal-Ħamrun immexxi minn Dun Vicenz Cachia.

**L-Erbgħa, 16 ta' Lulju:**

**INTENZJONI: Jum ta' talb għar-relazzjonijiet industrijali bejn il-ħaddiema u min iħaddem.**


# KENNEDY

7, MSIDA SEA FRONT - MSIDA

TEL: 36522

For all your requirements of:-

*Stationery, Toys, Newspapers, Souvenirs, Greeting Cards, Paperbacks.*

Specialising also in:-

*Wedding and Party Still and Movie Photography.*

6.30 p.m. Quddiesa Solenni Konċelebrata bl-Omelija mill-Kan. Dun Ġwann Ciarlo' B.A., Lic.D.
Kurunella, Innu, Antifona, Ċelebrazzjoni Ewkaristika u Innu Popolari.

**Il-Hamis, 17 ta' Lulju:**

**INTENZJONI: Jum ta' talb għall-qdusija tal-Kleru u tar-Reliġjużi.**

6.30 p.m. Kollox bħal-jum ta' qabel.

8.00 p.m. Marċ mill-Banda Melita tal-Imsida li jgħaddi minn dawn it-toroq: Ix-Xatt ta' Xbiex, Mons. D. Andria, il-Knisja, Rue D'Argens, il-Wied u l-Kunċizzjoni u jispiċċa quddiem il-każin tal-banda "Meliţa" f'Misraħ il-5 t'Ottubru.
Dan il-marċ ġie organiżżat u mħallas minn dawn id-dilettanti: Sinjuri E. Grima, A. Baldacchino, K. Chircop, S. Pace, F. Sammut, A. Meagher, R. Spiteri, J. Deguara, Z. Mifsud, J. Saliba u R. Azzopardi.

**Il-Ġimgħa, 18 ta' Lulju:**

**INTENZJONI: Jum ta' talb għall-morda fid-djar u fl-isptar.**

6.30 p.m. Kollox bħal-jum ta' qabel.
F'din il-funzjoni jieħdu sehem il-morda tal-Parroċċa, organiżżazzjoni tal-Azzjoni Kattolika u tal-Kummissjoni Amministrativa.
Tingħata tifkira lill-morda kollha.

7.00 p.m. Marċi brijużi mat-toroq tal-pajjiż.

**Waqt il-jiem ta' tħejjija, fil-ħin tal-Quddies, ikun hemm il-Qrar għal KULHADD.**

**Is-Sibt, 19 ta' Lulju:**

**LEJLET IL-FESTA**

**INTENZJONI: Jum ta' talb għall-familja**

7.45 a.m. Quddiesa Solenni minn Dun Anton Caruana, Te Deum u Antifona.

7.00 a.m. Ikun hemm konfessuri barranin għall-Qrar.

5.00 p.m. Ikun hemm konfessuri barranin għall-Qrar.

6.00 p.m. Transulazzjoni Solenni mat-toroq ta' madwar il-Knisja.

6.30 p.m. Quddiesa Pontifikali Konċelebrata mill-Abbate Benedittin Don Anġelo Mifsud O.S.B. flimkien mas-saċerdoti misidjani li jaħdmu barra l-parroċċa.

7.00 p.m. Marċ mill-banda li jgħaddi minn dawn it-triqat: S. Alwiġi, sqaq D'Argens, Magna tas-Serrar, Qasam tad-Djar, Knisja u Antonio Sciortino. Wara, jibda' minn Sorijiet Ursolini, Bordin, Misraħ il-Barrieri, Baċir, u Vjal S. Ġużepp u jispiċċa quddiem quddiem il-Knisja.

9.45 p.m. Logħob tan-nar kbir fi Vjal San Ġużepp, organiżżat mill-Kummissjoni Amministrattiva u d-dilettanti tan-naħa ta' ġewwa

RAMM ★

Il-Ħadd, 20 ta' Lulju:

JUM IL-FESTA

**INTENZJONI: Jum ta' talb għall-Misidjani kollha.**

5.00 a.m. Quddiesa minn Dun Anton Caruana.

6.00 a.m. Quddiesa minn Dun Ġużepp **Mifsud Bonnici B.A., Lic.D.,** Delegat tal-Arċisqof għall-Parroċċi u **koordinatur tad-dekanti.**

7.00 a.m. Quddiesa minn Patri Anġeliku **Busuttil O.C.D., Kappillan** ta' Ta' Xbiex.

8.00 a.m. Quddiesa għaż-żgħażagħ minn Patri Ġużepp Falzon O.C., Kappillan ta' Santa Venera.

9.00 a.m. Qudiesa Solenni Pontifikali Konċelebrata mill-Illmu u Revmu Mons. Ġużeppi Minuti flimkien mal-Kappillan u l-kleru tal-Parroċċa.

11.00 a.m. Quddiesa minn Patri Amadeo M. Zammit, Kappillan ta' Fleur-de-lys.

12.00 a.m. Quddiesa minn Dun Charles Abela, Kappillan ta' Wied il-Għajn.

6.00 p.m. Quddiesa Solenni Konċelebrata minn Dun Anġelo Vella, Delegat tal-Arċisqof għall-Kleru.

6.30 p.m. Il-banda "San Ġużepp" ta' Ħal-Għaaq tagħmel marċ minn ħdejn il-Għajn tal-Ħasselin għal quddiem il-Knisja Parrokkjali fejn tilqa' l-istatwa ta' S. Ġużepp bl-Innu Popolari u, wara, takkumpanja l-Proċessjoni b'marċi ferrieħa.

7.00 p.m. Purċissjoni bl-istatwa artistika ta' S. Ġużepp, immexxija mill-Illmu u Revmu Mons. Ġużeppi Minuti. Wara, Antifona u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

9.00 p.m. Il-banda "S. Piju X" ta' Ħal-Lija takkompanja l-Purċissjoni sa' Vjal S. Ġużepp fejn twassal l-istatwa b'demostrazzjoni trionfali sal-Knisja. Wara l-Barka, marċ tal-għeluq mill-istess banda li jgħaddi minn dawn it-toroq: ix-Xatt Ta' Xbiex, Ġwakkin Navarro, Knisja, Mons. D'Andria, Ġdida, D'Argens, Kunċizzjoni, Wied u jispiċċa quddiem il-Knisja Parrokkjali.

* Il-Kant fil-quddies tat-Tridu jsir mill-Kor Parrokkjali li, flimkien mal-mużika tat-Tridu u ta' lejlet u nhar il-Festa, jkunu mmexxija mis-Surmast Carmelo Zammit.

* Fil-jiem tat-Tridu, lejlet u nhar il-Festa jiġu sparati diversi kaxxi nfernali, murtali tal-kulur u murtaletti. Il-kaxxi tal-ħruġ u tad-dħul saru mill-Kummissjoni Amministrattiva waqt li n-nar l-ieħor kollu nġabar mis-Sur Emm. Grima.

# Patrick's

WOODWORKS

49A, Bordin Street, Msida.

Tel: 606941

SHOWROOM

*22, Bordin Street, Msida*

**Ghall-Bejgh bi Prezzijiet Irhas**

Bicciet ta' Art bil-Permess ghall-Bini, fil-limiti ta' HAL LIJA, BIRKIRKARA, KAPPARA, BAHAR IC-CAGHAQ, MADLIENA, IL-MAGHTAB U L-IMSIDA, kif ukoll Djar saqaf u gebel, f'San Gwann, Flats u Hwienet u Artijiet ghal terraced houses jew farms.

**INVESTU FLUSKOM TAJJEB**

IRRIKORRU GHAND

JOHN C. MICALLEF

163, Marina Wharf, Pieta'

CEMPLU 21835 - 36629

u tohorgu sodisfatti zgur.

TAJJEB LI TKUN TAF:

Il-Misidjani kollha huma mħeġġa bie jersqu għas-Sagramenti tal-Qrar u tat-Tqarbin fil-jiem tal-Festa.

Mhux permess li nidħlu naraw il-Knisja bi lbies mhux xieraq għar-Dar t'Alla. Ftakru li meta żżuru l-Knisja, qabel kollox, tagħmlu viżta lil Ġesu' Sagramentat.

Il-Misidjani huma mistiedna biex joffru bukkett fjuri għal quddiem l-istatwa ta' San Ġużepp, b'mod speċjali l-għaqdiet u l-Każini. Dan għandhom jagħmluh lejlet il-festa filgħodu.

Anke din is-sena, l-ebda bukkett u/jew/xema kbira ma' għandu jkollu fih jew imwaħħal miegħu xi arma jew badge jew distintiv ieħor jew żigarelli bl-isem ta' min joffrih. L-isem ta' min joffrih għandu jinkiteb biss fuq il-biljett apposta li qed jiġi magħmul għal kulħadd xorta mill-Kummissjoni Ammnistrattiva, u li jista' jinkiseb b'xejn mill-Knisja.

Biex ma ssirx ħsara lill-istatwa, bħas-soltu, mhux ser jinxtegħel xema' żgħir meta din tkun barra min-niċċa. Għalhekk, il-flus li jingħataw għax-xema, jinġabru flimkien u jinxtegħel xema' kbir. B'dan il-mod, min ikun għamel wegħdi ta' xema' xorta waħda jissodisfa l-wegħda tiegħu u, fl-istess ħin, inkunu qegħdin nagħmlu ħilitna biex inħarsu l-istatwa minn kull ħsara.

Nagħmlu appell lil kulħadd biex ma jinxteħtux fjuri u kwantitajiet kbar ta' karti fuq l-istatwa li hija tant għal qalb il-Misidjani kollha. Nistennew, għalhekk, il-koperazzjoni ta' kulħadd biex ma ssirx ħsara.

**Il-Kummissjoni Amministrattiva żżomm id-dritt li tbiddel mingħajr avviż dak kollu li jkun jenħtieġ fil-Programm.**


**Jekk trid izzejjen darek b'kolonni jixeghlu jew lampi u vazuni ta' l-alabastru Spanjol, linef 'Strass' ta' l-Awstrija brazzi moderni, kif ukoll arloggi tal-hajt u arloggi ta' l-art ta' barra.**

MUR S'GHAND:

TACSUM

L-IMSIDA (hdejn l-Orsolini) jew B'KARA fejn issib ukoll oggetti ta' rigali tassew originali.

TINSEWX TACSUM

*Qrajten Str., Msida*

*jew B'Kara hdejn it-traffic lights*



QUEEN ANNE
FURNITURE

**Prop. JOE MIFSUD &**
**TONY MIZZI**

**99, Valley Road,**
**MSIDA**

**Settijiet tas-Sodda,**
**tal-Pranzu,**
**Salotti, Siggijiet u**
**Kitchen Cupboards**

CARMEL AZZOPARDI

CONTRACTOR FOR:

DAMP PROOF COURSE LAYING
AND
SPECIALISTS IN WATER PROOFING
OF ROOFS

62, Rue D'Argens,
Msida
Phone: 513893

Azzopardi House,
St. Louis Str.,
Msida
Phone: 511478

# OPRI GODDA

Għall-festa ta' din is-sena, il-Kummissjoni Aministrattiva ħadet ħsieb li żżejjen il-Knisja tagħna b'diversi Opri ġodda:



## 1. Rħam bejn il-Pilastri Maġġuri

Biex tingħalaq id-dawra kollha tal-knisja kien meħtieġ li jinkesa bl-irħam aħdar "Verde Issogne" il-fond ta' bejn il-Pilastri Maġġuri. Dan sar matul din is-sena, u b'hekk lestejna opra kbira fil-Knisja. Issa x-xogħol kollu ta' rħam huwa lest. Dan ġie maħdum mid-ditta La Rosa tal-Marsa u mqiegħed mis-Sur Nazzarenu Attard; fuq dan l-irħam saru erba' mazzettuni skulturati u ta' disin oriġinali mis-Sur Joseph Amato taż-Żurrieq. Dawn ġew miżbugħa mis-Sur Carmelo Sciberras u ndurati mis-Sur France Xuereb tad-Ditta Coleiro tal-Belt.

## 2. Tużell:

Matul din is-sena ġie rranġat ukoll it-tuzell tal-festa, li huma xogħol sabieħ fl-iskultura tal-injam. Dan huwa antik ħafna u nafu li diġa' kien jintrama fil-Knisja fl-1902. Għalhekk kien ħsieb għaqli li dan jiġi restaurant u ndurat mill-ġdid. Ix-xogħol kollu sar fil-ħin liberu ta' diversi persuni u hekk illum qegħdin ingawdu mill-ġdid fis-sbuħija kollha tiegħu. B'hekk il-mandat mogħti lill-Kummissjoni Aministrattiva mill-Aworita' Ekkleżjastika li jgħid: il-kummissjoni Aministrattiva hija responsabbli għall-manutenzjoni u ż-żamma fl-aħjar kundizzjoni possibbli tal-proprjeta' tal-knisja", qiegħed jiġi mwettaq. Ix-xogħol fuq din l-opra sar mis-Sur Carmelo Sciberras, John Sapiano, Lino Bartolo, Patrick Sciberras u Vincent Agius. Matul din is-sena wkoll saru sett torċi ġodda biex jintużaw waqt il-funzjonijiet mill-abbatini.

# THE FALCON FORGE

Ghal kull xoghlijiet ta' ferrobattuto, twieqi tal-Hadid iggalvanizzati, hadid tat-tarag, hadid biex iddawwar il-gonna, ejja ghandna u zgur li tohrog sodisfatt.

ASSORTIMENT KBIR TA' DISINJI U QISIEN IPPROVDUTI FLIMKIEN MA' XOGHOL TAJJEB U MALAJR

IRRIKORRU: THE FALCON FORGE

Tower Street - Msida Tel: 42099

Ghal xoghol ta' kiri ta' karozzi ghal kull okkazzjoni ghat-Tieg tieghek - ghal-servizz mill-aqwa bi prezzijiet ragonevoli, mur

## LAUTIER CAR HIRE

*Triq it-Torri - Msida Tel: 42099*

## Dolceria V. FRIGGIERI

**103, Stuart Street, Gzira**

**Tel. 514476**

Esperti ghal kull xoghol ta' tigijiet, maghmudijiet u kwalunkwe xoghol ta Catering bi prezzijiet moderati

Nawguraw lill hutna Misidjani kollha festa mill isbah

## OPRI GODDA

Ġie Restaurat messal għall-festa, u ġiet restaurata gradilja antika tal-ferro-battuto għax-xema għall-quddiem in-niċċa tad-Duluri, waqt li ġie illustrat mill-ġdid il-pulptu li fih xogħol artistiku sabieħ f'diversi kwalitajiet ta' njam.

### 3. Ampliphier Ġdid

Matul din is-sena ħassejna l-ħtieġa urġenti li l-knisja tagħna jkollha sett ta' Amplifikazzjoni tagħha. Sa ftit ilu dan kien mikri minn għand Kumpanija Kummerċjali; għalhekk, wara li rajna diversi settijiet, il-Kummissjoni Amministrattiva ġabet wieħed għall ftit ġimgħat ta' prova u, meta rat li huwa addatta għall-knisja, dan ġie mixtri. Miegħu ġew mixtrija sett microphones, kif ukoll, sal-festa, nisperaw li jkollna "tape recorder" li jaqbel mas-sett, biex b'hekk dan ikun komplut. Dan it-tape recorder jista' sehem sħiħ fil-Kant waqt il-funzjonijiet.

jgħin ħafna f'ċerti attivitajiet liturġiċi u wkoll jgħin lill-fidili biex jieħdu


# ALFRED'S STORE

PROP. JOE - ALF. STIVALA

52, 53, 54, 55, 56 Market Stalls

Valletta.

Telephone: 20816

The Store for First Class Quality Goods

General Grocery Always in Stock

Ham, Bacon, Cheese & Stuffed Olives etc.

Free Delivery To All Destination

# Waterproof-it

## (MALTA) LTD.

IMPERMEABLE

MEMBRANE

SPECIALISTS

CONSULT THE EXPERTS

*5, Frederick Street,*

*Valletta*

*Tel. 625644 - 622878*

# PROGRAMM TAN-NAR

**IL-ĦADD, 13 ta' Lulju:**

7.00 p.m. Kaxxa Infernali u murtaletti

**L-ERBGĦA, 16 ta' Lulju:**

8.00 p.m. Ħruq ta' murtaletti

**IL-ĦAMIS, 17 ta' Lulju:**

8.00 p.m. Ħruq ta' murtaletti u kaxxa infernali

**IL-ĠIMGĦA, 18 ta' Lulju:**

8.00 p.m. Ħruq ta' murtaletti

**IS-SIBT, 19 ta' Lulju:**

8.15 a.m. waqt it-Te Deum: Ħruq ta' murtaletti

6.00 p.m. waqt it-Transulazzjoni: Kaxxa Infernali u murtaletti.

9.00 p.m. Spettaklu sabieħ ta' murtaletti, murtali tal-kulur, Beraq Pront u Kaxxa Infernali li jwassalna għal-logħob tan-Nar tal-art kbir.

**IL-ĦADD, 20 ta' Lulju:**

7.00 p.m. Salut u Kaxa Infernali gl-ħruġ tal-istatwa. Akkumpanjament tal-purċissjoni b'murtaletti u murtali tal-kulur u musketterija.

10.00 p.m. Kaxxa Infernali kbira ssellem d-dħul tal-istatwa lura fil-Knisja Parrokkjali.


## WONDERLAND

1, Parish Street, Msida

(by Msida Church)

**Ladies Hairdressing Salon**

**Open Monday to Saturday**

**9.30 a.m. - 12.00 p.m.**

**2.30 p.m. - 6.00 p.m.**

**Wednesday closed all day**

**Ladies & Children's**

**Wear**

**Vests, Teeshirts,**

**Underwear**

**Stationery & Toys**

# DANUSA

Europe's leading Cosmetics Preparations

**BODY** Deodorant Dermotalcum, Deodorant Invisible Spray, Deodorant Invisible Stick, Blue Bubble Bath, Body Moisterizer, Fluid Depilatory.

**FACE** Cleaning Milks, Face Moisterizer, Dew Tonic Spray & Liquid, Nourishing Cream in tubes & jars.

**HAIR** Shampoos.

and particularly the QUICK DRY Spray Shampoo

Sole Agents: **JOSEPH CASSAR LTD.**

207/208, OLD BAKERY STREET, VALLETTA.

## VALHMOR BORG (IMPORT/EXPORT) LTD.

*Borg Cold Stores Bldgs., Abattoir Square, Marsa.*

Importers and distributors of

**NEW ZEALND FROZEN MEAT**

**FISH AND CRUSTACEANS**

**VEGETABLES**

**POULTRY CANNED GOODS**

Tel. 623691/4

## VERNON FOODS LIMITED

ABATTOIR SQUARE,

MARSA.

Processors of:

**Tomato Puree,**

**Peeled Tomatoes,**

**Processed Peas,**

**Fruits in Syrup**

**Pet Foods**

*Tel. 623691/4*

# FONTANA CAFE

BAR & RESTAURANT

NEWLY OPENED

Best for Tea, Coffee
and Good Food

*Visit us at:*

**Fontana Cafe**

OUTSIDE CITY GATE

# INVICTA

GHAD-DAR MODERNA

- Kmamar tas-Sodda
- Kmamar tal-Ikel
- Cupboards tal-Kcejjen
- Imwejjed u Siggijiet
- Spare Bedrooms
- Salotti

Ufficcju u Fabbrika:
MISRAH IL-BARRIERI MSIDA

Showrooms:
Marina Str., Gzira, Valletta Rd., Mosta
The Strand, Sliema, Paola Sqr., Paola
Telephones: 606440 - 606593

JAGHMLU WKOLL:

Siggijiet tat-Tfal — Shopping Carriers — Slielem Forci — Baby Cots u High Chairs Ironing Boards — Step-Stools

L-AQWA GHAMARA MALTIJA

# INVICTA


San Gwakkin Press — B'kara — Tel. 40484